# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, l-1 ta' Awwissu 2024**

**Każ Nru: 606/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Salvatore Fracchia (Karta tal-Identità Taljana bin-numru CA08330GZ)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat u ċioé:

*talli fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxin (2024) u/jew fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:*

1. *Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija*[1]*;*

[1] Artikolu 17, 48A, tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*U nakkużawh ukoll talli fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-*sena elfejn *u erbgħa u għoxin (2024) u/jew fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gżejjer:*

2. *Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe giżirajjen tad-deheb, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kellhom valur komplessiv ta' żjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)* [2].

*U nakkużawh ukoll talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-*istess dispozizzjonijiet tal-*Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-*Artikolu 18 tal-Kapitolu *9 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*Bejn il-lejl tat-tletin (30) u l-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-*sena elfejn *erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Club H, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

3. *Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-*deheb, liem serq huwa kkwalifikat *bil-vjolenza u dan għaliex ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn, bil-ħin u bil-valur, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u*

[2] Artikolu 17, 279(b), Artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Simone Sbardanella u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra*[3]*;*

4. *Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għaliex ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn, bil-ħin u bil-valur, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Cesaire Rierre Jean Constantin u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra*[4]*;*

*Bejn il-lejl tat-tletin (30) u l-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa HIVE Club, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

5. *Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għaliex ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn, bil-ħin u bil-valur, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Cherise Zammit u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra*[5]*;*

---

[3] Artikoli 17, 18, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 467(2), 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikoli 17, 18, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 467(2), 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikoli 17, 18, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 467(2), 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Bejn il-lejl tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju u l-ewwel (01) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Club Footlose, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

6. *Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għaliex ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn, bil-ħin u bil-valur, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Noah Beaccini u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[6];*

7. *Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għaliex ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn, bil-ħin u bil-valur, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Noa Borlini u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[7];*

*U nakkużawh ukoll talli matul ix-xahar ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet ta' qabel u/jew fil-ġimgħat ta' qabel u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer:*

[6] Artikoli 17, 18, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 467(2), 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikoli 17, 18, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 467(2), 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. *Renda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu minn Qrati barra minn Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;*

*Illi l-Qorti ġiet mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.*

Rat li l-Prosekuzzjoni rtirat t-talbiet tagħha magħmula a tenur tal-artikoli 532A, 532B, 533 u 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum[8], l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[9].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors konġunt magħmul mill-prosekuzzjoni u d-difiża, ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' sentejn u nofs priġunerija effettiva.

---

[8] Verbal jibda a fol 7 tal-proċess.

[9] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**1) Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa għażel li jerġa jtenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jreġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[10], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

**2) Piena**

[10] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs George Cassar Desain__**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Andre Falzon,__** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,__** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Illi kif diġa ġie senjalat, il-prosekuzzjoni u d-difiża talbu, permezz ta' rikors skond il-liġi, li din il-Qorti timponi sentenza ta' sentejn u nofs priġunerija effettiva. Din il-Qorti infurmat lill-imputat li kienet disposta taċċetta l-istess piena f'każ ta' ħtija.

Illi wara li rat li dak mitlub fir-rikors konġunt jaqa' fil-parametri tal-liġi u li l-imputat ammetta ma l-ewwel opportunità u li huwa wera dispjaċir għall-egħmil tiegħu[11], tqis li għandha tilqa' t-talba hemm magħmula u dan kif irid l-artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

### 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 48A, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 279(a), 279(b), 280(2), 334(a), 467(2) u 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal piena ta' sentejn u nofs priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

[11] Kif anke ġie verbalizzat fis-seduta tal-lum.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur